

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 263, 5.8.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-23 ta' Settembru 2020 – BASF vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-472/19) (<sup>1</sup>)

*("Prodotti mediċinali għal użu mill-bniedem – Awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali għal użu mill-bniedem li fihom esteri etiliċi ta' aċċidi tal-omega-3 – Tibdil tat-termini tal-awtorizzazzjoni – Artikolu 116, l-ewwel paragrafu tad-Direttiva 2001/83/KE – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Proporzjonalità")*

(2020/C 390/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: BASF AS (Oslo, in-Norveġja) (rappreżentanti: E. Wright, barrister u H. Boland, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Haasbeek u A. Sipos, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4336 finali, tas-6 ta' Ġunju 2019, dwar, fil-kuntest tal-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/83/CE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali għal użu mill-bniedem li fihom esteri etiliċi ta' aċċidi tal-omega-3 għal użu orali għall-preveznjoni konsekuttiva ta' infart mijokardijaku.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) BASF AS hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

(<sup>1</sup>) ĠU C 305, 9.9.2019.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral 23 ta' Settembru 2020 – Aldi vs EUIPO (BBQ BARBECUE SEASON)**

(Kawża T-522/19) (<sup>1</sup>)

*("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva BBQ BARBECUE SEASON – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Karattru deskrrittiv – Artikolu 7(1) (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1) (b) tar-Regolament 2017/1001")*

(2020/C 390/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Aldi GmbH & Co. KG (Mülheim an der Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u M. Minkner, avukati)

*Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġent)*

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Mejju 2019 (Każ R 1359/2018-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv BBQ BARBECUE SEASON bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Aldi GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 305, 9.9.2019.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-23 ta' Settembru 2020 – Medac Gesellschaft für klinische Spezialpräparate vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-549/19) (<sup>1</sup>)

*("Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem – Prodotti mediċinali orfni – Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali Trecondi-treosulfan – Deċiżjoni li jitneħħa prodott mediċinali mir-Reġistru tal-Prodotti Mediċinali Orfni – Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 141/2000 – Kunċett ta' ‘metodu sodisfaċenti’ – Artikolu 5(12)(b) tar-Regolament Nru 141/2000 – Żball ta' liġi")*

(2020/C 390/47)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Medac Gesellschaft für klinische Spezialpräparate mbH (Wedel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. von Czettritz, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B.-R. Killmann u A. Sipos, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4858 final, tal-20 ta' Ġunju 2019, li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem Trecondi-treosulfan

### Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4858 (final) tal-20 ta' Ġunju 2019, li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem Trecondi-treosulfan, huwa annullat.
- 2) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

(<sup>1</sup>) ĠU C 337, 7.10.2019.